IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2021
COM(2021) 177 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Pulizija Kriminali (ICPO-INTERPOL)

ANNESS

Matul in-negozjati, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmira li tikseb l-objettivi stabbiliti fid-dettall hawn taħt.

(1) Li tirregola l-kooperazzjoni bejn l-Europol u l-Interpol, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fil-kriminalità transfruntiera u transnazzjonali serja, fil-kriminalità organizzata, fil-ħtiġijiet operazzjonali attwali, fil-mandat tal-Europol u b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u tad-drittijiet fundamentali;

(2) Li tipprovdi s-salvagwardji u l-garanziji meħtieġa biex tawtorizza aċċess ikkontrollat għall-bażijiet tad-*data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) u ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN) permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP) mill-Istati Membri tal-UE u mill-aġenziji tal-UE, kif meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom, f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom, mal-liġi tal-UE jew nazzjonali li tkopri dan l-aċċess u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE u mad-drittijiet fundamentali;

(3) Li tipprovdi s-salvagwardji u l-garanziji meħtieġa biex tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE u lill-Frontex (is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar tagħha (ETIAS)) biex jaċċessaw il-bażijiet ta' *data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin u ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfixxija , f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE u mad-drittijiet fundamentali;

(4) Li tipprovdi s-salvagwardji u l-garanziji meħtieġa biex jiġi implimentat Regolament rivedut dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża li jawtorizza lill-Istati Membri tal-UE jaċċessaw il-bażijiet tad-*data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin tal-Interpol u ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija meta jeżaminaw applikazzjonijiet għal viżi jew permessi ta' residenza, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-UE tal-protezzjoni tad-*data* u mad-drittijiet fundamentali;

(5) Li tistabbilixxi u tirregola l-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2017/1939 u l-Interpol, f'konformità mal-mandati tagħhom u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-UE tal-protezzjoni tad-*data* u mad-drittijiet fundamentali;

(6) Li tipprovdi l-bażi ġuridika biex tawtorizza lill-Europol, lill-persunal tal-kategorija 1 tal-Frontex (il-persunal statutorju tal-korp permanenti) u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jaċċessaw il-bażijiet tad-*data* rilevanti tal-Interpol biex iwettqu l-kompiti tagħhom, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE u mad-drittijiet fundamentali;

(7) Li tipprovdi l-bażi ġuridika biex tawtorizza lill-Eurojust u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jiskambjaw informazzjoni operazzjonali mal-Interpol, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE u mad-drittijiet fundamentali;

B'mod speċifiku, il-Ftehim ta' kooperazzjoni jenħtieġ li:

(a) Jistabbilixxi d-definizzjonijiet miftiehma tat-termini ewlenin, inkluż dwar id-*data* personali, b'mod konformi mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u 2018/1725, u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2016/680;

(b) Jipprevedi li kwalunkwe tfittxija awtomatizzata tal-bażijiet ta' *data* ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin tal-Interpol u ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi fil-kuntest tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, l-interoperabbiltà u r-Regolamenti riveduti tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jridu jitwettqu b'tali mod li ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni lill-Istat sid tal-allert tal-Interpol;

(c) Jispjega b'mod ċar u preċiż is-salvagwardji u l-kontrolli meħtieġa għall-protezzjoni tad-*data* personali, għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, irrispettivament min-nazzjonalità u mill-post ta' residenza, fl-iskambju ta' *data* personali mal-Interpol. B'mod partikolari:

(i) L-għanijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-Ftehim iridu jiġu spjegati b'mod ċar u preċiż mill-Partijiet, u ma jkunux usa' minn dak li huwa meħtieġ fil-każijiet individwali għall-finijiet tal-Ftehim;

(ii) Id-*data* personali trasferita lill-Interpol mill-aġenziji u mill-korpi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE f'konformità mal-mandati tagħhom skont il-Ftehim trid tiġi pproċessata b'mod ġust, fuq bażi leġittima u għall-finijiet li għalihom tkun ġiet trasferita biss. Kwalunkwe pproċessar ulterjuri ta' *data* inkompatibbli mal-ipproċessar inizjali tad-*data* jrid ikun ipprojbit (limitazzjoni tal-iskop). Il-Ftehim irid jipprovdi ambitu biex jindika, meta tiġi trasferita d-*data*, ir-restrizzjoni kollha fuq l-aċċess jew l-użu, inkluż restrizzjoni fuq it-trasferiment, it-tħassir jew il-qerda tad-*data*;

(iii) Id-*data* personali trasferita trid tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-iskop li għalih tkun ġiet trasferita. Trid tkun preċiża u tinżamm aġġornata. Ma tridx tinżamm għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih tkun ġiet trasferita. Il-Ftehim irid jistabbilixxi regoli dwar il-ħżin, inkluż il-limitazzjoni tal-ħżin, dwar ir-rieżami, il-korrezzjoni u t-tħassir ta' *data* personali;

(iv) Il-Ftehim irid jispeċifika l-kriterji li abbażi tagħhom l-affidabbiltà tas-sors u l-preċiżjoni tad-*data* għandhom jiġu indikati;

(v) It-trasferiment ta' *data* personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija fi trade union, *data* ġenetika, *data* bijometrika għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika, u *data* dwar is-saħħa u l-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna, iridu jkunu permessi biss fejn meħtieġ u b'mod proporzjonat fil-każijiet individwali għall-prevenzjoni jew il-ġlieda kontra reati kriminali kif imsemmi fil-Ftehim, u soġġett għal salvagwardji xierqa li jindirizzaw ir-riskji speċifiċi tal-ipproċessar. Il-Ftehim jenħtieġ li jkun fih salvagwardji speċifiċi li jirregolaw it-trasferiment ta' *data* personali dwar minorenni u dwar vittmi ta' reati kriminali, xhieda jew persuni oħra li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali;

(vi) Il-Ftehim irid jistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni li trid tkun disponibbli għall-individwi u li jrid jiżgura d-drittijiet infurzabbli tal-individwi li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata, fil-forma ta' regoli dwar id-dritt għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir, inklużi r-raġunijiet speċifiċi li jistgħu jippermettu kwalunkwe restrizzjoni meħtieġa u proporzjonata. Il-Ftehim irid jiżgura wkoll drittijiet infurzabbli ta' rimedju amministrattiv u

ġudizzjarju għal kwalunkwe persuna li d-*data* tagħha tiġi pproċessata skont il-Ftehim u jiggarantixxi rimedji effettivi;

(vii) Il-Ftehim irid jistabbilixxi r-regoli dwar iż-żamma ta' rekords għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni;

(viii) Il-Ftehim irid jipprevedi salvagwardji fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali inkluż dwar it-tfassil ta' profili u biex jipprojbixxi deċiżjonijiet ibbażati unikament fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' informazzjoni personali mingħajr involviment uman.

(ix) Il-Ftehim irid jinkludi l-obbligu li tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data* personali permezz ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, inkluż billi jitħallew ikollhom aċċess għal *data* personali persuni awtorizzati biss. Irid jinkludi wkoll l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti u, fejn meħtieġ, is-suġġetti tad-*data* jiġu nnotifikati fil-każ ta' ksur ta' *data* personali li jaffettwa *data* trasferita skont il-Ftehim. Il-Ftehim irid jinkludi wkoll l-obbligu li l-protezzjoni tad-*data* tkun implimentata b'mod awtomatiku u b'miżuri mfassla biex jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* b'mod effettiv;

(x) Trasferimenti ulterjuri ta' informazzjoni mill-Interpol lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jew lil pajjiżi terzi jridu jkunu permessi biss għall-finijiet tal-Ftehim, iridu jkunu soġġett għal kondizzjonijiet xierqa u jridu jkunu permessi biss fir-rigward ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jiżguraw livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni ta' *data* personali kif żgurat taħt dan il-Ftehim, sakemm it-trasferiment ulterjuri ma jkunx meħtieġ għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' theddida serja u imminenti għas-sigurtà pubblika jew għall-protezzjoni tal-interessi vitali ta' kwalunkwe persuna fiżika. B'mod partikolari, tali trasferimenti ulterjuri jistgħu jkunu permessi f'każ li l-organizzazzjoni internazzjonali jew il-pajjiż terz ikunu koperti minn deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680 jew minn salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* personali żgurata minn Ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 TFUE konkluż bejn l-Unjoni u dik l-organizzazzjoni internazzjonali jew pajjiż terz jew minn Ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' *data* personali operazzjonali bejn l-Aġenzija u l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni li jkopru trasferimenti ulterjuri u konklużi qabel id-data tal-applikazzjoni tal-att legali li jistabbilixxi l-Aġenzija kkonċernata.

(xi) Il-Ftehim irid jiżgura sistema ta' sorveljanza tal-użu li l-Interpol tagħmel minn dik id-*data* personali, minn korp indipendenti wieħed jew aktar responsabbli għall-protezzjoni tad-*data* b'setgħat effettivi ta' investigazzjoni u intervent. B'mod partikolari, il-korp jew korpi għandhom ikollhom is-setgħa jisimgħu l-ilmenti minn individwi dwar l-użu tad-*data* personali tagħhom. Il-Ftehim irid jipprevedi d-dmir ta' kooperazzjoni bejn il-korpi ta' sorveljanza għall-Interpol minn naħa u l-aġenzija rilevanti tal-UE jew mill-awtorità tal-Istati Membri min-naħa l-oħra.

(d) Il-Ftehim ta' kooperazzjoni jrid jipprevedi mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tiegħu biex jiġi żgurat li l-partijiet josservaw ir-regoli miftiehma b'mod reċiproku.

(e) Il-Ftehim ta' kooperazzjoni jrid jinkludi dispożizzjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-validità u dispożizzjoni li permezz tagħha parti tista' titterminah jew tissospendih.

(f) Il-Ftehim ta’ kooperazzjoni jrid jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni perjodika tal-Ftehim.

(g) Il-Ftehim ta’ kooperazzjoni jrid ikun awtentiku bl-istess mod bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, u Żvediża u jenħtieġ li jinkludi klawżola lingwistika għal dak il-għan.